MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1262/2007

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali; u b'dikriet tad-29 ta' Ottubru 2009 *Blye Engineering Company Limited* tħalliet tidħol fil-kawża *in statu et terminis***

***Versus***

**Mark Sammut u *De Tigné Limited***

1. Dan huwa proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti mibdi mir-reġistratur taħt l-art. 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kontra Mark Sammut u s-soċjetà *De Tigné Limited* ["il-konvenut" u "is-soċjetà konvenuta" rispettivament, flimkien "il-konvenuti"] talli dawn ma qagħdux għal ordni mogħtija lilhom f'mandat ta' sejħa għal depożitu wara mandat ta' sekwestru.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: Is-soċjetà *Blye Engineering Company Limited* ["il-kreditriċi"] kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra *Visa Investments Limited* ["id-debitriċi"] u b'dan il-mandat kienet notifikata bħala sekwestratarja is-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà

konvenuta kienet imsemmija bħala sekwestratarja għax din kienet tikri immobbli mingħand id-debitriċi u għalhekk kellha tagħtiha l-kera; kienet *debitor debitoris*. B'mandat maħruġ fl-10 ta' Jannar 2006, imbagħad, is-soċjetà konvenuta kienet imsejħa biex tqiegħed fir-reġistru tal-qorti l-flus tad-debitriċi li ġew sekwestrati f'isimha.

3. Flok għamlet hekk, iżda, is-soċjetà konvenuta b'nota tad-19 ta' Jannar 2006 qalet illi ma għandhiex f'idejha flus jew ħwejjeġ oħra tad-debitriċi għax il-kera li kellha tagħtiha ġie paċjut ma' danni ta' tlieta u sittin elf lira (Lm63,000) li tippretendi mingħandha. Fl-istess nota qalet ukoll illi din il-pretensjoni tagħha kienet magħrufa mill-istess debitriċi "bħala ċerta, likwida u dovuta", u illi d-debitriċi "aċċettat li tiġi paċjuta mal-kera li *De Tigné Limited* hija tenuta tħallas".

4. Meta rat hekk il-kreditriċi b'rikors tal-24 ta' Frar 2006 talbet illi jinbeda dan il-proċediment tallum għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti kontra l-konvenut bħala r-rappreżentant ġudizzjarju tas-soċjetà konvenuta. Wara li b'dikriet tas-27 ta' Frar 2006 il-qorti ordnat notifika tar-rikors "lill-kontro-parti", din it-talba tal-kreditriċi ntlaqgħet b'dikriet tal-24 ta' Mejju 2006 u l-proċediment inbeda b'rikors tar-reġistratur tat-30 ta' Novembru 2007 kontra s-soċjetà konvenuta u kontra l-konvenut personalment. B'dikriet tad-29 ta' Ottubru 2009, imbagħad, il-kreditriċi tħalliet tidħol fil-kawża *in statu et terminis*.

5. Ir-rikors ġie notifikat lill-konvenuti; dawn wieġbu fid-29 ta' April 2008 u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. l-azzjoni safejn saret kontra s-soċjetà konvenuta saret ħażin u ma tiswiex għax id-dikriet tal-24 ta' Mejju 2006 ordna illi l-proċediment jinbeda biss kontra "Mark Sammut, ir-rappreżentant ġudizzjarju tas-soċjetà sekwestratarja *De Tigné Limited*";

ii. l-azzjoni safejn saret kontra l-konvenut personalment hija "intempestiva, irritwali u sostanzjalment illeġittima" għax ir-rikors tal-24 ta' Frar 2006 ma ġiex notifikat lill-konvenut kif ried id-dikriet tas-27 ta' Frar 2006; għalhekk ma ntħarisx il-jedd tiegħu għal smigħ billi ma ngħatax opportunità li jwieġeb għar-rikors;

iii. fil-meritu, u safejn l-azzjoni saret kontra s-soċjetà konvenuta, (a) kawża għal disprezz hija ta' natura penali, u għalhekk trid issir prova ta' *mens rea*; persuna

morali bħal ma hija soċjetà ma tistax tifforma dik l-intenzjoni, u għalhekk dik il-prova ma tistax issir; u (b) bejn id-debitriċi u s-soċjetà konvenuta hemm ftehim li bis-saħħa tiegħu il-konvenuta "ġiet eżentata milli tħallas il-kera" għax qiegħda ġġarrab danni minħabba inadempiment tal-kuntratt ta' kiri;

iv. fil-meritu wkoll, u safejn l-azzjoni saret kontra l-konvenut, it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu għax is-soċjetà li tagħha l-konvenut huwa rappreżentant ġudizzjarju ġiet meħlusa mill-tħallas il-kera lid-debitriċi għar-raġuni msemmija fuq.

6. Taħt l-art. 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti jista' jinbeda mir-reġistratur biss "kif jiġi ordnat mill-Qorti". Fil-każ tallum it-talba tal-kreditriċi li ntlaqgħet bid-dikriet tal-24 ta' Mejju 2006 kienet biex il-qorti "tordna li jittieħdu l-passi kollha skond il-liġi kontra Mark Sammut, rappreżentant ġudizzjarju tas-soċjetà sekwestratarja". L-għażla tal-kliem xejn ma hija feliċi għax toħloq ambigwità dwar jekk il-kliem "rappreżentant ġudizzjarju tas-soċjetà sekwestratarja" huwiex maħsub biex juri f'liema kwalità għandu jiġi mħarrek Mark Sammut jew huwiex maħsub biss biex ifisser min hu Mark Sammut, fis-sens li għandu jiġi mħarrek biex iwieġeb għal dak li għamel jew naqas li jagħmel fil-qadi tad-dmirijiet u tas-setgħat tiegħu bħala rappreżentant ġudizzjarju.

7. Billi l-proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti huwa ta' natura penali, fejn tgħodd il-massima *in dubio pro reo*, id-dubju jmur favur l-eċċipjenti u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tintlaqa', u l-proċediment għandu jitqies li ttieħed biss kontra l-konvenut *proprio*.

8. Fit-tieni eċċezzjoni l-konvenut igħid illi ma ġiex notifikat bir-rikors tal-24 ta' Frar 2006 li bih il-kreditriċi talbet li jinbeda kontrieh dan il-proċediment; għalhekk, ikompli jgħid, id-dikriet relativ ingħata bla ma l-konvenut kellu fakoltà li jwieġeb għar-rikors, bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

9. Mill-atti ma jidhirx jekk in-notifika saritx u għalhekk għandu jitqies li prova tan-notifika ma saritx. Madankollu, dan ma huwiex ta' preġudizzju għall-konvenut għax id-difiża tiegħu seta' jagħmilha, kif fil-fatt għamilha, fil-proċediment tallum, fejn ingħata u ħa l-opportunità li

jwieġeb u li jressaq il-provi kollha li seta' ressaq fl-atti tar-rikors tal-24 ta' Frar 2006. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

10. Nistgħu ngħaddu għalhekk biex inqisu l-meritu tal-proċediment tallum. Il-kreditriċi qiegħda tgħid illi l-konvenut naqas li jiddepożita l-flus li s-soċjetà konvenuta rappreżentata minnu kellha tagħti lid-debitriċi; il-konvenut, min-naħa l-oħra, igħid illi s-soċjetà rappreżentata minnu ma kellha tagħti xejn lid-debitriċi, u għalhekk ma kien hemm xejn x'jiġi depożitat, għax id-debitriċi ħafritilha d-dejn għall-ħlas tal-kera billi d-debitriċi stess għandha tagħmel tajjeb għal danni kuntrattwali li ġarrbet is-soċjetà konvenuta, u wkoll għax seħħet tpaċija bejn dak li kellha tagħti s-soċjetà konvenuta lid-debitriċi – il-kera – u dak li kellha tieħu mingħandha – id-danni. Għal dan il-kreditriċi tirribatti (i) illi s-soċjetà konvenuta rappreżentata mill-konvenut ma weġbitx għall-ittra uffiċjali tal-15 ta' Settembru 2005 li biha kienet imsejħa tgħid kellhiex f'idejha flus jew ħwejjeġ oħra tad-debitriċii, u għalhekk, skond l-art. 378(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (kif kien fiż-żmien relevanti[1]) inħolqot preżunzjoni li tassew kellha f'idejha l-flus milquta bil-mandat ta' sekwestru; u (ii) illi t-tpaċija u l-maħfra tad-dejn huma finta u "*messa in scena*".

11. L-ewwel kontro-argument tal-kreditriċi ma huwiex konklużiv għax, barra mill-fatt illi ma nġiebet ebda prova illi l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Settembru 2005 ġiet notifikata lis-soċjetà konvenuta, f'kull każ in-nuqqas ta' tweġiba għal dik l-ittra jġib biss "preżunzjoni, kemm-il-darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju".

12. Li rridu naraw, mela, hu jekk seħħitx tpaċija jew maħfra tad-dejn qabel in-notifika tas-sekwestru jew le.

13. It-tpaċija sseħħ *ipso iure* "bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli ta' l-istess speċi, u li

---

[1] **378.** (2) In-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni jġib il-preżunzjoni, kemm-il-darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, illi s-sekwestratarju għandu tassew f'idejh il-flus jew il-ħwejjeġ issekwestrati bil mandat:

Iżda, id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu ma jgħoddux, jekk il-kreditur sekwestrant ma jsejjaħx lis-sekwestratarju, b'att ġudizzjarju, sabiex jagħmel dik id-dikjarazzjoni.

jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu”[2]. Ma hux kontestat illi s-soċjetà konvenuta kellha tagħti l-kera lid-debitriċi; dwar id-dejn tad-debitriċi lejn is-soċjetà konvenuta il-konvenut xehed hekk:

*De Tigné Limited* [is-soċjetà konvenuta] owed and still owes a substantial amount of money to *Visa Investments Limited* [id-debitriċi][3] and on account of this *Visa Investments Limited* has waived *De Tigné*’s obligation to pay any rent to *Visa Investments Limited*.[4]

14. Dak li għadda bejn is-soċjetà konvenuta u d-debitriċi jidher ukoll minn bdil ta’ korrispondenza bejn iż-żewġ soċjetajiet. Is-soċjetà konvenuta b’ittra tal-5 ta’ Jannar 2005 lid-debitriċi ressqet il-pretensjoni tagħha għal tlieta u sittin elf, mitejn u ħames liri u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm63,205.57) “*for damages consisting in the loss of earned rental income consequent to the malfunctioning of the air-conditioning system …*”[5], u d-debitriċi fl-10 ta’ Jannar 2005 wieġbet illi “*Visa Investments Limited accepts your claim for the amount of Lm63,205.57*”[6].

15. *Prima facie* għalhekk jidher illi tassew li kien hemm żewġt idjun li kienu ċerti, likwidi u li għalqu, u għalhekk it-tpaċija seħħet fl-10 ta’ Jannar 2005, qabel il-ħruġ tal-mandat ta’ sekwestru tal-1 ta’ Settembru 2005.

16. Il-kreditriċi tgħid illi dan il-ftehim bejn id-debitriċi u s-soċjetà konvenuta huwa simulat, maħsub biex b’qerq iċaħħadha minn flusha. Fil-fehma tal-qorti, għalkemm jista’ jidher illi l-aċċettazzjoni faċli tad-debitriċi hija x’aktarx suspettuża, madankollu, fin-nuqqas ta’ dikjarazzjoni ġudizzjarja ta’ simulazzjoni jew ta’ non-opponibilità tal-ftehim fl-interess tal-kreditriċi, ma tistax ma tagħrafx l-eżistenza tal-ftehim, u, fil-kuntest tal-proċediment tallum, il-qorti tkun qiegħda tmur *extra petita* jekk tidħol fil-kwistjoni tal-validità, assoluta jew relativa, tal-ftehim.

17. Għal dawn ir-raġunijiet, billi ma nġibitx il-prova illi s-soċjetà konvenuta rappreżentata mill-konvenut kellha

---

2 Art. 1197, Kod. Ċiv.

3 Dan huwa żball ovvju; li ried igħid ix-xhud huwa illi d-debitriċi għandha tagħti lis-soċjetà konvenuta, u mhux *vice versa*.

4 *Affidavit* tal-konvenut Mark Sammut maħluf fit-12 ta’ Ġunju 2009, *fol.* 67.

5 *Fol.* 77.

6 *Fol.* 78.

f'idejha flus tad-debitriċi meta saritilha s-sejħa għal depożitu, it-talbiet tar-reġistratur ma jistgħux jiintlaqgħu.

18. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-reġistratur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, b'dan illi s-soċjetà kreditriċi li daħlet fil-kawża *in statu et terminis* għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------